Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,272, 27 ta' Ġunju, 2014

Taqsima B

A.L. 214 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Humanities – B.Hums – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Humanitites – B.Hums - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate of Humanities;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma of Humanities;

"il-Fakultà" tfisser "il-Fakultà tal-Arti";

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Humanities – B.Hums;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Humanities – B.Hums;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li japplikaw skont is-sottoparagrafu (a) (iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom dawk il-kwalifiki u/jew esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibbilità ta' dawn l-applikanti għandha tkun deċiża mill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara li tkun saret intervista mmexxija minn bord tal-intervisti, maħtur għad dan il-għan.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet persuni.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full*-time jew sa sitt snin ta' studju fuq bażi *part-time* (matul il-ġurnata).

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS meħuda minn kwalunkwe qasam ta' studju offrut mill-Fakultà, suġġett għal restrizzjonijiet minħabba l-iskeda tal-lekċers, sakemm li mhux aktar minn 25% tal-kretti jkunu meħuda mill-istess qasam ta' studju. L-istudenti jistgħu wkoll jirreġistraw għal sa 25% tal-kretti għal taqsimiet offruti minn fakultajiet u entitajiet oħra akkademiċi fi ħdan l-Università.

6. L-istudenti li jingħataw 30 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

7. L-istudenti li jingħataw 60 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad u tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba matul il-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.